**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD  Mag.Jur. (Euro. Law)**

***Drogi 107/00***

***Pulizija***
***Sp. Josric Mifsud***
***v***
*Darren Brincat*
*Jeffrey Vella*

Illum 30 ta' Ottubru 2001

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

***Akkuzi***

Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputat fil-**konfront ta' l-imputat Jeffrey Vella** huma bazati fuq ir-reati ta' **Traffikar** tad-droga eroina, u **Pussess Illegali** tal-istess droga referibbilment ghas-26 ta' Frar 2000 u fit-tlett xhur qabel din id-data;  kif ukoll **Pussess Illegali ta' armi regolari u strumenti** bil-ponta bi ksur tal-Kap.66 da parti tal-imputat Jeffrey Vella.

***Kwadru tal-fatti***

Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti.  Fis-26 ta' Frar 2000 l-pulizija giet informata li Jeffrey Vella kien iddahhal l-Isptar ibghati minn overdose ta' droga eroina.  Konsegwentement il-pulizija bdiet bl-indagini taghha minnu fih.

Illi rrizulta li fis-26 ta' Frar iz-zewg imputati ddecidew li jabbuzaw bil-konsum mid-droga eroina.  Huma hargu l-flus bejniethom u marru bil-karrozza jixtru d-droga u sussegwentement marru jgibu s-siringi mill-polyclinic.  Meta dawna wasslu fil-post

fejn iddecidew li jiehdu d-droga ftehmu li wiehed joqghod ghassa u l-iehor jsajjarha u jipprepara. Meta din kienet lesta dawna injettaw id-droga, izda rrizulta li ghall-imputat Jeffrey Vella din kienet qawwija wisq u fil-pront hassu hazin. Kif l-imputat l-iehor ra hekk, dan qabad lill Vella u l-ewwel mar ghand missieru u imbaghad baqghu sejrin bih l-isptar fejn irrizulta li kien qed isofri minn overdose.

Illi minn tficcija li saret fir-residenza tal-imputat Jeffrey Vella, il-pulizija sabet *air pistol*, diversi skieken u xabla li ma kienux licenzjati mal-Kummissarju tal-Pulizija.

***<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>***

Illi f' dan is-segwenti osservazzjonijiet li huma opportuni ghall-finijiet tal-ezami odjern.

Illi skond l-Artikolu 658 Kap.9 stqarrija tghamel prova unikament fil-konfront ta' min jirrilaxxja. Dan ifisser li dak li stqarru l-ko imputati **fil-konfront ta' xulxin** fl-istqarrijet taghhom m' ghandux valur probatorju. Ghalhekk l-allegazzjoni tal-imputat Jeffrey Vella li kien l-imputat Darren Brincat li injettalu l-eroina fuq rikjesta tieghu ma tikkostitwix prova valida u l-Qorti ghandha tiskartha. Din l-allegazzjoni da parti tal-imputat Vella ma ssib ebda korroborazzjoni jew konfort fi provi ohra. Di fatti fl-istqarrija tieghu Darren Brincat qal biss *"Jiena faqqatha u n-Ninja (Jeffrey Vella) faqqahha" (dok.JM2)*.

Illi mill-provi migjuba jidher li dan hu kaz fejn zewg zaghzagh iddecidew li jiehdu d-droga flimkien, marru jixtruha flimkien u abbuzaw minnha flimkien. **Ma rrizulta ebda Traffikar** fil-kwadru tal-fatti li pprezenta ruhu f' dan il-kaz. Jikkonfigura biss ir-reat ta' **Pussess Illegali (semplici)** tad-droga eroina.

Rigward l-akkuza dwar pussess mhux awtorizzat ta' armi regolari u armi bil-ponta, il-Qorti tosserva li din hija bazata fuq id-dispost tal-artikoli 3 u 13 tal-Kap.66. In propositu il-Qorti tosserva li s-skieken misjuba ma jaqghux that is-sanzjoni kontemplata fl-artikolu 13, stante li dan l-artikolu jipprojibixxi l-garr (carry) ta' dawn it-tip ta' armi u mhux is-semplici pussess. Il-ligi hawnhekk mhux qeda tippunixxi lil kull min ikollu fil-pussess tieghu sikkina b' xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija imma lill dawk illi **jkollhom f' idejhom jew fuq persunthom sikkina ta' dan it-tip**. *(vide App.Krim. Pul.v John Psaila 30.9.93).*

Fil-kaz odjern is-skieken insabu fid-dar tal-imputat Jeffrey Vella, u ghalhekk din il-parti tal-akkuza ma tistax treggi.

Illi rigward l-air pistol, l-espert ikkonkluda li din l-arma kienet antika u ma kienitx fi stat li tiffunzjona peress li kellha parti miksura. Ghalhekk anki din il-parti tal-akkuza ma taqax that is-sanzjoni tal-ligi.

In vista tal-premess, il-Qorti hija tal-fehma li f' dan il-kaz jikkonfigura biss ir-reat ta; **Pussess Illegali** tad-droga eroina da parti ta' l-imputat. L-akkuzi l-ohra ma jirriuzltawx.

***Piena***
In propositu ghal piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputati, u jidhrilha li f' dan il-kaz ghandha tpoggi lill-imputat taht is-supervizjoni ta' ufficjal tal-probation ghal perijodu adegwat.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi ssib lill-imputat hati skond l-akkuza (b) ai termini tar-regolament 8 tal-GN 292/39 ; izda minflok imposizjoni ta' piena qed tpoggi lill-istess imputat taht ***is-sorveljanza tal-ufficjal tal-probation Carmen Borg ghal zmien sentejn*** bil-obbligu li l-istess imputati joqghodu ghall-konidzzjonijiet kollha indikati fl-Ordni tal-Probation annessa ma dan il-gudizzju markata dokument PO u formanti parti integrali tal-istess..

Il-Qorti spjegat lill-imputati f' termini cari s-sinifikat u l-portata tal-imsemmi provvediment.

Tawtorizza lill-imputat Jeffrey Vella jirtira mir-registru ta' din il-qorti id-dokumenti JM1 sa JM4.

***Dr.Noel Cuschieri***

***Magistrat***